Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 34/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 21 ta' Mejju 2024

Ħin: 14:30

Bdiet: 14:30

Post: Online

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

34. 1 Ittri ta' Apoloġija

34.1.1 Il-President semma li fl-aħħar ħin diversi Sindki talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

34.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 33

34.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 33 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

34.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Marco Agius il-minuti ġew approvati kif preżentati.

34.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 29

34.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Marco Agius u s-Sur Wayne Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 t' April 2024 u l-21 ta' Mejju 2024 li kienet tammonta għall-€269,308.53.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

34.4 Punti oħrajn

34.4.1 Ġbir ta' skart riċiklabbli

Il-President spjega li r-Reġjun kien attenda għal diversi laqgħat anki mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li kien assigurat li r-reġjuni ser jirċievu l-fondi li jkopru l-ġbir ta' skart kummerċjali għas-sena 2023 u s-sena 2024 kif ukoll l-elemnt tal-VAT li r-Reġjun mhux ser ikun qed jiġi rimborzat għalih mill-iskemi.

34.4.2 Binja Reġjun Port

Il-President semma li r-Reġjun lesta numru ta' diskussjonijiet mal-Fondazzjoni għal Affordable Housing. Semma li kienu għadhom kemm irċievew proposta finanzjarja li kienet tammonta għal kirja ta' ftit aktar minn €105,000 fis-sena. Semma li din il-binja ser tkun attrezzata b' diversi faċilitajiet fosthom, librerija, multi sensory room, ICT Lab, Board Rooms għall-użu tal-NGO, kafeterija, mużew u anki sala. Il-President semma li parti minn din il-binja tista' tiġi kkumerċjalizzata u r-reġjun ikopri parti mill-ispejjeż mill-kirja tal-kafeterija. Il-Presidnet semma li r-Reġjun bagħat ukoll għall-parir ta' Diviżjoni sabiex ikun hemm gwida fuq il-proċess tal-akwist.
Mis-Sindki preżenti ma kien l-ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett imma ħassew li minkejja r-Reġjun għandu jkompli l-proċess mad-Diviżjoni din il-materja terġa' tkun diskussa fil-laqgħa tal-Lulju.

34.4.3 AGM Kunsill Reġjonali Port

Il-President fakkar fl-AGM li kien ser jinżamm nhar 28 ta' Mejju 2024 ġewwa Bormla. Spjega li kien ser jiġi imnidi l-istudju bażiku tal-Impatt Soċjali kif ukoll qafas ta' starteġija għar-Reġjun għall-ħames snin li ġejjin.

34.5 Aġġornament

34.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024 fis-14:30 online.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv